L-AKKADEMJA TAL-MALTI

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

---

**Il-Professur Albert Borg ir-Rebbieħ tal-Midalja tad-Deheb**

**'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' 2022**

Albert Borg huwa r-rebbieħ tal-Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' għal din is-sena. L-investitura saret f'Jum l-Akkademja tal-Malti mill-Eċċellenza Tiegħu George Vella, President ta' Malta waqt serata fil-Palazz ta' Sant'Anton nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru 2022. Fost il-mistednin kien hemm l-imsieħba tal-Akkademja kif ukoll qraba u ħbieb tal-Professur Borg. Din l-onorifiċenza tingħata lil min ikun iddistingwa ruħu b'ħidma tul ħajtu kollha għall-Ilsien Malti u għal-letteratura Maltija.

Albert Borg twieled fl-1950. Iggradwa B.A. (Hons) mill-Università ta' Malta fl-1972 u għamel sena jaħdem mal-Kummissjoni tat-Traduzzjoni tal-Għaqda Biblika Maltija fix-xogħol tagħha biex tinqaleb il-Bibbja għall-Malti mill-ilsna oriġinali bl-Ebrajk u bil-Grieg. Fl-1975 iggradwa D.Litt. fl-istudji tal-Viċin Orjent mill-Università degli Studi, ta' Ruma. Kien ippreżenta t-teżi *Elementi per un Ortografia Fonemica del Maltese*, biex juri li l-ortografija tal-Malti tista' tkun issimplifikata b'mod xjentifiku.

F'Diċembru tal-1975 inħatar Assistant Lecturer fid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u beda jgħallem il-lingwistika ġenerali u l-lingwistika Maltija. Ta sehemu biex il-korsijiet tad-Dipartiment jinqalbu għas-sistema ta' credits li kienet għadha kemm ġiet introdotta fil-Fakultà tal-Arti, u biex jiġu riveduti s-sillabi tal-Eżami tal-Matrikola tal-Malti fil-livell ordinarju u avvanzat.

Fl-1979 iggradwa Ph.D. mill-Università ta' Edinburgh bi studju dwar il-kategorija tal-aspett fil-Malti, ippubblikat ftit wara bit-titlu *A Study of Aspect in Maltese*.

Sar Lettur fid-Dipartiment tal-Malti f'Ottubru tal-1979, u wara s-soppressjoni tal-Fakultà tal-Arti, f'Ottubru tal-1980 offrewlu impieg fi ħdan il-Fakultà tal-Edukazzjoni. Kompla jgħallem il-lingwistika ġenerali u l-lingwistika Maltija kemm f'din il-Fakultà kif ukoll fil-Fakultà tat-Teoloġija, Tal-Virtù.

Fl-1987 reġgħet twaqqfet il-Fakultà tal-Arti u Albert Borg reġa' ssieħeb magħha. Kien Aġent Kap tad-Dipartiment tal-Malti kif ukoll koordinatur tal-kors il-ġdid fil-lingwistika ġenerali li waqqaf flimkien ma' xi kollegi. Serva bħala l-ewwel Direttur tal-Istitut il-ġdid tal-Lingwistika, Istitut li waqqaf flimkien ma' kollega oħra, il-Prof. Marie Azzopardi Alexander, oriġinarjament mid-Dipartiment tal-Ingliż.

Fl-1994 ngħata l-kariga ta' Chairman tal-Istitut tal-Lingwistika (Delegat tar-Rettur), pożizzjoni li żamm sal-2008. Kien ukoll iċ-Chairman tal-Bordijiet imqabbda mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti li wasslu għar-riformi ortografiċi *Deċiżjonijiet 1* u *Deċiżjonijiet 2.* Matul is-snin ipparteċipa fi 'l fuq minn ħamsin konferenza nazzjonali jew internazzjonali.

F'kotba b'awturi varji u f'rivisti xjentifiċi speċjalizzati, Borg ippubblika studji dwar aspetti lingwistiċi differenti tal-Malti, kemm waħdu kif ukoll bi sħab ma' studjużi oħra, Maltin u barranin, dwar is-sintassi Maltija, il-morfoloġija, u xogħlijiet ta' natura soċjolingwistika. Uħud minn dawn l-istudji ppubblikahom bil-Malti fil-ktieb tiegħu *Ilsienna – Studju Grammatikali* (1988).

Waqt l-investitura, il-President Vella feraħ lill-Professur Borg u faħħru għall-ħidma sfiqa tiegħu għall-iżvilupp tal-Ilsien Malti u l-istudji xjentifiċi dwar il-Malti.

Din kienet is-sitt Midalja tad-Deheb 'Ġieħ l-Akkademja tal-Malti' li ngħatat. L-ewwel waħda ngħatat lill-mibki Professur Oliver Friggieri fl-2016. Matul is-snin ta' wara ngħatat lill-Mons. Lawrenz Cachia, Trevor Żahra, Victor Fenech, Lina Brockdorff u Prof. Manwel Mifsud.

---

15.11.2022